# PRIM AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. ROBERT G. MANGION

### ILLUM, IS-6 TA' NOVEMBRU, 2022

Fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni nru 1334/2022

**Sovereign Hotels Limited (C-10538)**

**vs.**

**ARMS Ltd (C-46054); Enemalta (C-65836) u**

**Water Services Corporation**

**Il-Qorti,**

**Preliminari.**

1. Dan huwa provvediment dwar rikors tas-soċjeta' **Sovereign Hotels Limited** ippreżentat fl-24 ta' Ottubru 2022 li permezz tiegħu talbet lill-Qorti (i) tordna lill-intimati jirripristinaw is-servizz ta' dawl u ilma fil-fond La Piazza, Triq Santa Rita, Rabat, Malta liema servizz huwa intestat fuq isem Ronald Azzopardi, id-diriġent tas-soċjeta' rikorrenti u (ii) tordna lir-Reġistratur sabiex jibda proċeduri ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-qorti fil-konfront ta' Silvio Scerri bhala l-persuna responsabbli li tat struzzjonijiet kuntrarji għall-mandat

wara li ppremettiet illi wara s-seduta tal-24 ta' Ottubru 2022 relatata mas-smiegħ tar-rikors għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni, Ronald Azzopardi ġie informat illi s-servizz tad-dawl u l-ilma kien ġie maqtugħ fil-fond La Piazza, Triq Santa Rita, Rabat. Jikkontendi li dan sar bi ksur tal-ordni tal-Qorti tal-10 ta' Ottubru 2022 li permezz tagħha laqgħet provviżorjament it-talba għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni pendenti l-eżitu finali tal-proċeduri. Għalhekk is-soċjeta' rikorrenti filwaqt li għamlet referenza għall-artikolu 873 (4) tal-Kap. 12, talbiet li l-Qorti tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex jistitwixxi proċeduri għal dikjarazzjoni ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-qorti kontra Silvio Scerri bħala l-persuna responsabbli.

2. Il-Qorti appuntat ir-rikors għas-smiegħ għas-seduta tas-27 ta' Ottubru 2022 li matulha d-difensur tal-Intimati ppreżenta risposta, filwaqt li xhed Ronald Azzopardi prodott mis-soċjeta' Rikorrenti u r-rikors tħalla għallum għall-provvediment.

3. Fir-risposta tagħhom l-intimati jilqgħu għal dan ir-rikors billi jissottomettu (i) illi l-ordni ta' akkoljiment provviżorju tal-mandat ma kienx jestendi għall-kontijiet ta' Ronald Azzopardi personalment; (ii) illi l-għada li ġie sospiż id-dawl fil-fond fejn il-kont tad-dawl u l-ilma huwa reġistrat f'isem Ronald Azzopardi personalment, huwa ħallas dak kollu dovut mingħajr riżerva jew protest u allura ma kienx hemm raġuni għala dan il-kont ikun kolpit bl-effetti tal-mandat; (iii) illi l-kont li dwaru ġie sospiż is-servizz m'għandu x'jaqsam xejn mal-kont tas-soċjeta' Rikorrenti u ma ġiex sospiż minħabba d-dejn dovut mill-kumpanija Sovereign Hotels Ltd iżda minħabba dejn dovut minn Ronald Azzopardi personalment; (iv) illi appena tħallas il-kont minn Ronald Azzopardi is-servizz ġie ripristinat.(v) illi t-talba fil-konfront ta' Silvio Scerri personalment ma tistax tinlaqa' peress li ma ġiex iċċitat bħala l-kap eżekuttiv ta' ARMS Ltd "iżda fil-kapaċita' tieghu personali bhala persuna responsabbli."

Ikkunsidrat;

**Konsiderazzjonijiet**.

4. L-allegazzjoni tas-soċjeta' Rikorrenti hi illi filwaqt li kien għadu in vigore mandat ta' inibizzjoni maħruġ provviżorjament pendenti l-eżitu finali tal-proċeduri għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni ai termini tal-Artikolu 873 tal-Kap. 12, is-soċjeta' intimata ARMS Limited issospendiet is-servizz tad-dawl ta' proprjeta' li s-servizz tad-dawl u l-ilma tagħha huwa reġistrat fuq isem personali tad-diriġent tas-soċjeta' rikorrenti. Skond is-soċjeta' rikorrenti tali sospensjoni tas-servizz kienet miżmuma milli s-seħħ bis-saħħa tal-mandat provviżorju.

5. Id-digriet tal-10 ta' Ottubru 2022 li laqa' provviżorjament ir-rikors tas-soċjeta' rikorrenti ppreżentat fl-istess jum kien jirrigwardja l-allegazzjoni tas-soċjeta' rikorrenti illi minħabba li s-soċjeta' rikorrenti kellha kont pendenti mal-ARMS Limied, l-Intimati kien beħsiebhom jissospendu s-servizz tad-dawl u l-ilma ta' proprjeta' reġistrata fuq is-soċjeta' kif ukoll li kien tissospendi s-servizz fejn ma kienx reġistrat fuq isem il-kumpanija imma fuq isem personali tad-diriġent tagħha.

6. Fi kliem ieħor, l-allegazzjoni tas-soċjeta' rikorrenti kienet li minħabba dejn tas-soċjeta' mal-ARMS Ltd din ta' l-aħħar u/jew l-Intimati l-oħra ikien beħsiebhom jissospendu s-servizz tad-diriġent personalment mhux għaliex id-diriġent personalment kellu d-dejn imma għaliex is-soċjeta' minnu ġestita kellha d-dejn mal-intimati jew min minnhom.

7. Il-fatti kif irriżultaw fis-seduta tas-27 ta' Ottubru 2022 huma ben diversi minn dak allegat mis-soċjeta' rikorrenti.

8. Mhux minnu li ARMS Limited issospendiet is-servizz reġistrat fuq Ronald Azzopardi ta' fond ġewwa r-Rabat minħabba d-dejn li s-soċjeta' rikorrenti għandha fuq servizz mogħti f'lukanda ġewwa tas-

Sliema; imma għall-kuntrarju minħabba d-dejn li l-istess Ronald Azzopardi personalment għandu jew kellu dak iż-żmien tas-sospensjoni fuq il-kontijiet relativi għall-fond ġewwa r-Rabat fejn is-servizz huwa reġistrat fuq ismu personalment.

9. Huwa evidenti, illi l-ħruġ provviżorju tal-mandat f'dawn il-proċeduri la kien mitlub u wisq anqas intiż sabiex iwaqqaf lill-Intimati milli jissospendu s-servizz ta' terzi minħabba d-dejn ta' dawk l-istess terzi; iżda biss sabiex iżomm lill-Intimati milli jissospendu s-servizz ta' terzi minħabba d-dejn tas-soċjeta' rikorrenti. Tant hu hekk illi fit-tielet premessa fir-rikors tal-10 ta' Ottubru 2022 s-soċjeta' rikorrenti kienet allegat illi minħabba d-dejn tas-soċjeta' rikorrenti relatat mas-servizz ġewwa l-lukanda f'tas-Sliema l-Intimati kien beħsiebhom jaqtaw is-servizzi kollha mhux biss fil-lukanda iżda wkoll "dawk f'isem id-dirigenti tal-istess socjeta' u li evidentement m'ghandhomx x'jaqsmu ma' din il-vertenza."

10. Kien fuq dik il-premessa, u fuq dik il-premessa biss, li l-Qorti ordnat il-ħruġ tal-mandat b'mod provviżorju sabiex twaqqaf lill-Intimati milli jissospendu s-servizz ta' terzi fuq proprjetajiet oħra minħabba d-dejn tas-soċjeta' konvenuta dwar is-servizz provdut fil-lukanda f'tas-Sliema.

11. L-allegazzjoni tas-soċjeta' rikorrenti illi kien hemm ksur tad-digriet provviżorju bis-sospensjoni tas-servizz tad-dawl ġewwa fond ir-Rabat minħabba l-kontijiet pendenti fuq dak l-istess servizz u mhux minħabba d-dejn tas-soċjeta rikorrent fuq il-lukanda f'tas-Sliema hija kompletament infondata u fiergħa.

12. Għalhekk qed tiġi respinta.

**Decide**.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad ir-rikors tas-soċjeta' Sovereign Hotels Limited ippreżentat fl-24 ta' Ottubru 2022.

Bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' Sovereign Hotels Limited.

**Moqrija.**

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
9 ta' Novembru 2022.

**Lydia Ellul**
**Deputat Registratur**